MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Numru. 1104/2014

**SPETTUR JASON SULTANA**

**VS**

**FRANK SCHEMBRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Frank Schembri ta' 19- il sena, bin Joseph u Serafina nee' Luci, mwieled l- Italja, nhar il- 31 ta' Mejju 1995, bla indirizz fiss u detentur tal- Karta tal- Identita' bin-numru 494296M;

Talli nhar l- 10 ta' Novembru 2014 ghall- habta tas- 14.00hrs gewwa Triq ix- Xatt, Ta' Xbiex, Msida;

1) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad- detriment ta' Joseph Sciberras detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 257757M u tal- Gvern ta' Malta u jew ta' persuni jew entitajiet ohra;

2) Aktar talli ghamel reat li ghalih hemm il- piena ta' prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' 4 xhur prigunerija sospizi ghal erba' snin moghtija mill- Magistrat Dr Francesco Depasquale LL.D nhar it- 22 ta' Marzu 2012 liema sentenza sospiza giet estiza ghall- 4 xhur ohra mill- Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras LL.D b' sentenza datata 12 ta' Dicembru 2014;

3) Aktar talli b'hekk irrenda ruhu recidiv ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 325 (1) (b), 49, 50, 28A u 28B tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkudnannah ghal piena ta' hames (5) xhur prigunerija.

Tordna d-dhul fis- sehh tas- sentenza sospiza datata 22 ta’ Marzu 2012, kif estiza bis-sentenza datata 12 ta’ Dicembru 2013.

Ghalhekk b’kollox l-imputat ghandu jservi disa’ xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------